**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 37**

**Citaz. Nru. 1587/94 FDP**

**Carmelo Zammit; Matilda Zammit; Raphael Zammit; Generosa Zammit; Carmelo Zammit f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Raphael Zammit, Carmen Zammit, Giovanna Said, Joseph Zammit, Mary Sant, Francis Zammit, Philippa sive Phyllis Dunwoody, Doris Catania u Paul Zammit; George Zammit; Philip Zammit; Maria-Odelia Baldacchino; Dolores Tabone; Carmela sive Carmen Zammit f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' l-assenti Raphael Zammit u Philip Zammit; Generosa Inguanez; Lorenza Cascun; Maria Concetta Borg; Francis Sammut; u Carmen Borg; ilkoll eredi ta' Maria Zammit;**
**U b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1997 state l-mewt ta' Carmelo Zammit l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet tal-persuni Carmelina Cilia, Genorosa Zammit, Raphael Zammit, Samwel Zammit, Joseph Zammit, Rosaria Vella, Rita Zahra u John Zammit bhala successuri tal-mejjet Carmelo Zammit**

**Vs**

**Rosario Gatt u ghal kull interess li jista' jkollha Antonia sive Nina mart l-istess Rosario Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1994 li permezz tieghu l-atturi ppromettew:-

Illi permezz ta' skrittura datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar (Dok "A"), il-konvenut Rosario Gatt iddikjara ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Maria Zammit, illum mejta, fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000), liema somma kienet dovuta minhabba self *brevi manu* li sar qabel l-istess skrittura

Illi skond l-istess skrittura, il-konvenut Rosario Gatt obbliga ruhu li jhallas l-imsemmija somma ta' Lm3000, flimkien ma' l-imghaxijiet relativi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%), fi zmien tliet snin u nofs mid-data ta' l-istess skrittura;

Illi l-imsemmija mutwanti Maria Zammit mietet fis-sittax (16) ta' April 1993 u s-successjoni taghha ddevolviet fuq l-atturi;

Illi l-konvenut Rosario Gatt, ghalkemm interpellat sabiex ihallas jew jipproduci r-ricevuti, baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm3000, dovuta minhabba self

*brevi manu* maghmul mill-mejta Maria Zammit kif fuq intqal;

Bl-ispjejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-ghoxrin (20) ta' Novembru 1993, tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 1993, u ta' l-ittra ufficjali tat-tmienja (8) ta' April 1994, u bl-imghaxijiet mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 1988 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Carmen Zammit, l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-19 ta' Jannar 1995 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz mill-atturi gie restitwit kollu lill-mejta Maria Zammit zmien ilu;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Antonia Gatt, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturi, li huma werrieta tal-mejta Maria Zammit, ghamlu din il-kawza a bazi ta' l-iskrittura li kopja taghha tinsab esebita a fol 5 tal-process. F'din l-iskrittura, datata 27 ta' Jannar 1988, il-konvenut Rosario Gatt iddikjara li huwa debitur ta' Maria Zammit fis-somma ta' Lm3000 rapprezentanti self *brevi manu.* Huwa obbliga ruhu li jhallas lura din is-somma fi zmien tliet snin u nofs minn dik id-data b'imghax ta' 8% fis-sena;

Illi <u>Carmen Zammit</u>, wahda min-neputijiet ta' Maria Zammit xehdet li hija ma kinitx taf li l-istess Maria Zammit kienet tislef il-flus. Spjegat li wara l-mewt taghha, meta bdew jifthu l-kxaxen, sabu diversi kwalitajiet ta' dokumenti: "*Sibna dokumenti formali rigward flus li hija kienet issellef; dawn kienu maghmulin quddiem nutar jew avukat. Sibna ukoll lista ta' oggetti li hija kienet tixtri ghan-nom ta' nies ohra, u kien hemm indikati n-nies li ghan-nom taghhom kienet xtrat affarijiet, kif ukoll l-ammont li kienu hallsu u kemm kien baqghalhom li jhallsu. Sibna ukoll xi erba' registri u fihom kien hemm miktub li hija, Maria Zammit qeghda tislef certu ammont ta' flus lil certi nies, u kien ikun hemm il-firem tat-tnejn. Dawn ir-registri kien ukoll fihom xi kontijiet. Dawn il-kontijiet kienu jkunu mnizzlin minnha.*" Hija spjegat li bejn wiehed u iehor sabu li kien hemm xi 30 debitur. Xi whud kienu hallsu. Kien hemm xi sitta li ma hallsux u ghalhekk fethulhom kawzi l-Qorti; din id-decizjoni li jipprocedu kienet giet mehuda minn grupp ta' nies li jikkonsistu f'rapprezentant ghal kull familja werrieta. Hija xehdet "*Ahna ma konniex certi li kulhadd kien hallas, ghalhekk konna baghatnilhom l-ittri biex nippruvaw. Pero` dwar dawn is-sitt debituri li ahna konna tellajna l-*

*Qorti konna iddecidejna li kien hemm provi bizzejjed fuq xhiex intellghuhom."* L-istess Carmen Zammit qalet li huma l-eredi qatt ma kellhom *dealings* personali mad-debituri. Kienu hallew kollox f'idejn certu Carmen Depasquale. *"Fejn konna dubjuzi jekk xi persuni kinux hallsu, Mrs Depasquale kitbet lil kulhadd, Mid-dubbjuzi xi whud hallsuna u xi whud le."*

Illi Frans Sammut, xehed li Maria Zammit kienet tigi oht ommu, u li ommu kienet toqghod maghha. Huwa qal li kien jaf li Maria Zammit kienet tislef il-flus. Mistoqsi jekk Maria Zammit kinitx izzomm bil-miktub min kien ihallasha, *"Sa fejn naf jiena hi ma kinitx izzomm nota rigward il-flus li kienu jhallsuha n-nies ghar-rigward ghas-self ta' ammonti ta' flus, ... Jiena ghandi nghid li kienet izzomm kollox go mohhha…"* Qal ukoll li l-iskrittura li tkun saret quddiem in-nutar hi kienet izzommha anke meta l-ammont ikun thallas kollu. *"Meta ahna konna sibna diversi skritturi ghandha ma stajniex niddistingwu bejn min kien hallas u min ma kienx hallas."* Qal li Carmen Depasquale kienet gabret il-karti kollha u bdiet tara min kien ghad jonqsu ihallas. Qal li dawk li kienu hallsu urewha ktieb bl-*installments* li kienu hallsuha. Zied jghid li ma jistax jikkonferma li l-procedura tan-*note book* kienet taghmilha ma' kull debitur, pero` jaf li din kienet wahda mis-sistemi li kienet tuza;

Illi l-konvenuti Rosario u Antonia Gatt jinsistu li huma hallsu l-ammont li kienu ssellfu minghand Maria Zammit fl-intier tieghu. Rosario Gatt fl-affidavit tieghu xehed li l-flus bdew ihallsuhom lura elf lira fis-sena, filwaqt li l-imghax kienu jhallsuh kull sitt xhur bit-8 fil-mija. Huwa ikkonferma li sakemm mietet Maria Zammit kienu

hallsu l-ammont kollu fl-intier tieghu. Ircevuta qatt ma taghthom. Martu Antonia Gatt fl-affidavit taghha xehdet li meta kien jasal iz-zmien sabiex ihallsu, zewgha Rosario kien itiha l-flus u hi kienet tmur thallas lil Maria Zammit. *"Jiena naf li kont hallastha elf Lira kull sena ghal tliet darbiet u jidhirli li l-ahhar pagament ta' elf Lira ghamiltu ghall-habta ta' l-1991."* Ikkonfermat ukoll li kull tliet xhur kienet thallas l-imghax. *"Maria ma kinitx taghtini ircevuta. Kull darba li kont immur inhallasha hija kienet taghtini lura karta u jien kont niffirma fuqha hekk kif jien inhallasha."* Fix-xhieda taghha *viva voce* xehdet li meta hija kienet tmur ghandha b'kopja ta' l-iskrittura f'idejha Maria Zammit kienet tikteb fuq l-istess skrittura. *"Jiena naf illi l-ahhar darba qabdet u qattghet kollox … meta qattghetli l-karta jiena ma inkwetajtx wisq, pero xi sitt xhur wara ghidtilha biex immorru ghand in-nutar, u qaltli li ma kinitx tiflah. Jien imbaghad ma ghamilt xejn izjed";*

Illi l-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa, thoss li l-atturi ma rnexxhilhomx jippruvaw it-talba taghhom. Huma sempliciment sabu l-iskrittura ta' self li saret bejn Maria Zammit f'Jannar 1988, u peress li ma kienux certi jekk dak is-self kienx thallas jew le, fethu l-kawza "*biex jippruvaw*". Il-mejta Maria Zammit jidher li ma kellhiex proceduri fissi ta' kif kienet izzomm notament ta' min hallasha u min le; kellha *pot pourri* ta' karti, kontijiet, skritturi u dokumenti. In-neputi taghha stess xehed li kienet izzomm hafna go mohhha, u xehed ukoll li anke wara li jkun sar il-hlas kienet tibqa' izzomm l-iskritturi ta' self. Lanqas ma jirrizulta li kellha xi accountant li kien johdilha hsieb l-affarijiet u li allura seta' jikkonferma fic-cert min kienu d-

debituri li kien ghad fadlilhom ihallsu u l-ammonti relattivi;

Illi l-konvenuti, da parti taghhom taw il-verzjoni taghhom ta' kif sar is-self u r-ripagament skond it-termini ta' l-iskrittura li ffirmaw quddiem Tony Abela, in-nutar. Veru li huma naqsu meta ma insistewx li jergghu jmorru biex ihassru l-iskrittura; imma irid jigi osservat li din anqas kienet xi skrittura notarili registrata. Skond il-konvenuta Antonia Gatt, Maria Zammit kienet tiffirma fuq dak id-dokument kull darba li sar xi pagament izda imbaghad qattghet l-istess karta wara li thallas l-ammont kollu. Lanqas ma jirrizulta li l-hlas sar permezz ta' cekk. Il-konvenuti xehdu li wara li kienu hallsuha lura l-flus, xtaqu jmorru maghha ghand Nutar biex ihassru l-iskrittura ta' self, izda Maria Zammit qalet lil Antonia Gatt li ma kinitx tiflah. Iz-zewg konvenuti pero` ikkonfermaw li sa l-1991 kienu hallsu lura l-flus kollha lil Maria Zammit. Il-Qorti, ghalkemm huma ma esibewx r-ricevuti relattivi, tifhem li x-xhieda taghhom hi wahda attendibbli meta jigi konsidrat li l-karta bir-ricevuti giet imqatta u r-relazzjoni ta' fiducja li bilfors kien hemm bejniethom anki fid-dawl ta' l-ammont li, meta tikkonsidra li dan sar f'Jannar 1988, ma kienx negligibbli;

Illi peress li l-provi fihom infushom ma humiex tant cari, il-Qorti hasbet fit-tul u kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz skond ir-rizultanzi processwali. Punt li certament jimmilita favur l-akkoljiment tat-tezi konvenuta huma id-dati relattivi;

Illi s-self sar f'Jannar 1988 u kellu jithallas fi zmien tliet snin u nofs (dan it-terminu tal-pagament xejn m'hu car meta wiehed jifhem li fl-istess skrittura hemm ir-ripagament kull sena ta' Lm1000 oltre li l-imghax kellu jithallas b'lura!). Dan ifisser li f'Jannar 1989 il-konvenuti kellhom ihallsu Lm1000 oltre l-imghax – l-istess ghal Jannar 1990 u ghal Jannar 1991. Issa skond it-tezi attrici dawn l-iskadenzi ghaddew minghajr ma l-konvenuti hallsu sold – u dan peress li fid-dokumenti li sabu ma hemm ebda indikazzjoni relattiva;

Illi l-Qorti kellha okkazzjoni tisma lill-konvenuta u dehret kredibbli meta stqarret "*l-iskrittura kienet kopja ta' dak li kellu n-nutar, u kellna wahda kull wiehed ahna. Tieghi kienet tiktibli fuqha, imbaghad, kif diga` ghidt, fl-ahhar qattathom*". Il-kopja esebita ma fiha ebda notament u d-dokument li sabu l-atturi ma jidhirx li gie esebit hlief ghall-imsemmija kopja;

Illi Maria Zammit mietet aktar minn sentejn qabel u l-Qorti ma tifhimx kif bniedma li kienet tislef il-flus setghet iddum aktar minn hames snin u ma taghmel xejn dwar debitu simili u anqas tnizzel almenu xi forma ta' notament fid-diversi kotba li kienet izzomm;

Illi mehud kollox in konsiderazzjoni l-Qorti tifhem li l-verzjoni tal-konvenuti hija ferm aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talba attrici.

L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur